MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 298/2008

**A B**

**-vs-**

**D B xebba E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B, li permezz tieghu, wara li ppremetta:

Illi l-esponenti zzewweg lill-intimata fl-1 ta’ Marzu 1996, u ghalkemm damu mizzewgin xi sitt snin flimkien, huma ma kellhomx ulied. Illi, fil-fatt, il-partijiet isseparaw fis-sena 2001;

Illi l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja

mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens tal-konvenuta kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-konvenuta kien marbut ma’ kundizzjoni li tirreferi ghall-futur;

Illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19(1)(d) u/jew (f) u/jew (h) tal-Att dwar iz-Zwigijiet (Kapitolu 255) tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tghid, ghalhekk, il-konvenuta ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta huwa null u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ingunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat li, ghalkemm debitament notifikata, l-intimata ghazlet li ma twegibx ghall-kawza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-affidavit imressqa.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f’din il-kawza zzewgu fl-1996 u qattghu flimkien zmien qasir. In-nuqqas ta’ intimita’ bejniethom fl-gherusija kompliet u zdiedet wara z-zwieg sakemm spiccat ghal kollox, tant illi r-rikorrenti mbaghad skopra li martu kellha tendenzi omosesswali, u fil-fatt, wara li telqet mid-dar, qeghda f’relazzjoni ma’ mara ohra. Ir-rikorrenti qed jitlob dikjarazzjoni ta’ nullita’ a tenur tal-Art. 19 (1) (d), (f) u (h) tal-Kap. 255.

Huwa doveruz fuq din il-Qorti li ttenni illi minkejja n-nuqqas ta’ kontestazzjoni tal-kawza, xorta wahda jregi l-

principju li r-rikorrenti ghandu jipprova dak li jallega sal-grad rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tirrimarka ukoll illi, ghalkemm, gew invokati diversi kawzali, iz-zwieg jista’ jigi dikjarat null ukoll jekk jissussistu cirkostanzi li jippruvaw wahda biss mir-ragunijiet.

Il-Qorti ser tibda biex tikkonsidra l-allegazzjoni tar-rikorrenti illi l-kunsens tal-intimat kien vizzjat ghax moghti bl-eskluzjoni taz-zwieg innifsujew ta’ wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Kif irriteniet il-Qorti Civili Prim’Awla fil-kawza “**Dr Stephen Muscat noe vs Maria Borg Grech**”, (deciza mill-Qorti Civili Prim’Awla fl-14 ta’ Awissu, 1995):

“*Ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali izda nternament u b'att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali).*”

Imbaghad fil-kawza “**John Micallef Engerer vs Corinne Camilleri**”, (deciza mill-Qorti Civili Prim’Awla fit-22 ta’ Ottubru, 2002):

“*Fl-interpretazzjoni ta’ dan is-subinciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens.*”

Jirrizulta fil-kaz in ezami illi l-intimata f’din ir-relazzjoni eskludiet element essenzjali taz-zwieg li hija r-relazzjoni sesswali ma’ zewgha. L-imgieba taghha kemm qabel iz-zwieg u aktar u aktar wara juru car illi hija qatt ma kellha l-intenzjoni li tistabilixxi ma’ zewgha dik il-komunjoni ta’ hajja u imhabba li tikkostitwixxi z-zwieg. Jirrizulta ukoll illi,

b'konsegwenza tal-istess atteggjament sesswali taghha, l-intimata eskludiet ukoll i-possibilita' tal-ulied.

"*L-element tal-prokreazzjoni tal-ulied dejjem gie meqjus mill-Qrati taghna bhala element fundamentali fil-hajja matrimonjali tant li fis-sentenza '***David Mangion vs Maria B***' (P.A. (NA) 10 ta' Novembru 1999) inghad li: 'Ma hemm ebda ombra ta' dubju li l-prokreazzjoni huwa wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga' (vide: E vs F [P.A. 1 ta' Lulju 1994]).*

*Illi konsegwentement, il-Qrati taghna dejjem sostnew illi l-eskluzjoni tal-ulied jikkostitwixxi simulazzjoni parzjali tal-kunsens li jgib mieghu n-nullita' taz-zwieg innifsu. Tant huwa essenzjali l-bonum prolis illi sahansitra meta l-eskluzjoni tal-ulied tkun kundizzjonata, il-Qrati taghna rritenew illi z-zwieg huwa null. Hekk fil-kawza fl-ismijiet: '***Elizabeth Zammit nee Consiglio vs John Zammit***' (P.A. 14 ta' Marzu 1986), il-Qorti rriteniet illi z-zwieg kien null peress illi l-konvenut dahal ghaz-zwieg bil-kundizzjoni tal-eskluzjoni tal-ulied jekk l-attrici ma tibdilx il-karattru taghha*", ("**John Micallef Engerer vs Corinne Camilleri**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fit-22 ta' Ottubru, 2002).

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talba u tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fl-1 ta' Marzu 1996 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------